

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Settembru 2010  
Brune vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-5/08) <sup>(1)</sup>

**(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġeneral — Nuqqas ta' iskrizzjoni fil-lista ta' riżerva — Żvolġiment tal-eżami orali — Stabbiltà tal-Bord tal-Għażla)**

(2011/C 30/107)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Markus Brune (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: H. Mannes, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

### Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tniżżilx lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva għall-kompetizzjoni AD/26/05 minħabba r-riżultat insuffiċċenti tal-eżami orali tiegħu mill-eżami orali tiegħu.

### Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-10 ta' Mejju 2007, li ma tniżżilx lil M. Brune fuq il-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/26/05 hija annullata.*
- (2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż kollha.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 64, 08.03.2008, p. 69.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Settembru 2010 — Honnfelder vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-41/08) <sup>(1)</sup>

**(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġeneral — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Żvolġiment tal-eżami orali — Natura stabbli tal-Bord tal-Għażla)**

(2011/C 30/108)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Stephanie Honnfelder (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Bode, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Berardis-Kayser u B. Eggers, aġenti)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenti ma tiġix inkluża fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni AD/26/05 minħabba li ma ġabix biżżejjed punti fl-eżami orali.

### Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-10 ta' Mejju 2007, li S. Honnfelder ma tiġix inkluża fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/26/05 hija annullata.*
- (2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż kollha.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 128, 24.05.2008, p. 38.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-23 ta' Novembru 2010 — Bartha vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-50/08) <sup>(1)</sup>

**(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kompetizzjoni ġeneral — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Rappreżentanza bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-Bordijiet tal-Għażla ta' kompetizzjoni)**

(2011/C 30/109)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

### Partijiet

Rikorrent: Gábor Bartha (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Homoki, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, V. Bottka u A. Sipos, aġenti)

### Suġġett tal-kawża

Annnullament tad-deċiżjoni tal-EPSO li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/56/06.

### Dispożittiv tas-sentenza

- (1) *Id-deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2008, li biha l-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AD/56/06 ċaħdet it-talba ta' G. Bartha sabiex isir eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni tal-imsemmi Bord tal-Għażla li ċaħdet l-applikazzjoni tiegħi, hija annullata.*
- (2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- (3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 209, 15.08.2008, p. 73

---